

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

2007/2107(INI)

19.12.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar l-Agricoltura sostenibbli u l-bijogass: il-ħtieġa ta' reviżjoni tad-
dispożizzjonijiet ta' l-UE
(2007/2107(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Adamos Adamou

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jemmen li l-użu tal-bijogass għall-produzzjoni tas-sħana u l-enerġija jista' jagħti kontribut sinifikanti biex tintlaħaq il-mira li torbot ta' 20% ta' enerġiji rinnovabbli fil-konsum globali ta' l-enerġija ta' l-UE sa l-2020;
2. Jenfasizza li l-produzzjoni ta' agrofuwils mill-iskart m'għandiex issir għan fiha nfisha; ittnaqqs ta' l-iskart għandu jibqa' prijorità fil-politika ambjentali ta' l-Unjoni Ewropea u f'dik ta' l-Istati Membri;
3. Jenfasizza li d-demel ta' l-annimali, id-drenaġġ muniċipali u l-iskart mill-agricoltura u l-industrija jista' jkun fihom sustanzi, aġenti u organiżmi (batterji, virusijiet, parassiti, haġid tqil, sustanzi organiċi li jagħmlu l-ħsara) li jistgħu jkunu potenzjalment ta' theddida għas-saħħa pubblika jew għall-ambjent;
4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li jittieħdu prekawzjonijiet xierqa biex tkun evitata l-kontaminazzjoni kif ukoll it-tifrix ta' dawn is-sustanzi, aġenti u organiżmi u kwalunkwe mard li jġibu magħhom, b'rikonoxximent li l-proċessi ta' tisħin inaqqsu l-virusijiet biss sa ċertu punt u li l-parti l-kbira tas-sustanzi organiċi li jikkontaminaw bilkemm jitnaqqsu waqt li l-ħadid tqil jibqa' kif kien;
5. Jinnota bi tħassib kbir li hemm kompetizzjoni dejjem akbar f'ħafna Stati Membri bejn l-użu fl-enerġija u l-użu fil-katina ta' l-ikel ta' ċerti prodotti agrikoli bħall-qamħirrum; jenfasizza l-fatt li din il-kompetizzjoni, li wasslet biex jogħlew konsiderevolment il-prezzijiet ta' l-għalf għall-bhejjem, hija dovuta l-aktar għan-nuqqas ta' kriterji soċjali u ambjentali għall-produzzjoni ta' l-agrofuwil u approċċ iċċentralizzat iżżejjed għall-produzzjoni tal-bijogass;
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina, fuq il-bażi ta' paraguni taċ-ċiklu ta' konverżjoni ta' varji tipi ta' bijomassa fl-impjanti tal-bijogass, is-sostenibilità ta' dawn it-tipi rigward il-volum ta' l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u l-effetti tagħhom fuq il-kwalità ta' l-arja, il-bijodiversità, inklużi l-veġetazzjoni naturali (foresti, merġat tal-ħaxix, art bassasa), l-immaniġġjar ta' l-art u l-produzzjoni ta' l-ikel;
7. Jenfasizza li m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni Komunitarja li tittratta speċifikament il-bijogass; jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni agro-ambjentali relatata, inklużi d-direttiva dwar in-Nitrati, id-direttiva IPPC; id-direttiva dwar il-ħama tad-Drenaġġ, id-direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-direttiva dwar l-Għasafar, id-direttiva dwar l-'Habitat' u l-leġiżlazzjoni dwar il-ħadid Tqil, huma kruċjali biex tkun żgurata l-produzzjoni sostenibbli tal-bijogass;
8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura l-koperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, inklużi dawk li bħalissa m'għandhomx impjanti tal-bijogass jew għandhom biss ftit, sabiex huma jkunu jistgħu jitgħallmu dwar l-aħjar prattiki ta' xulxin rigward l-

impjanti tal-bijogass permezz tat-trasferiment ta' l-għarfien u t-teknoloġija;

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiġbor id-dejta kollha rilevanti dwar il-produzzjoni tal-bijogass fl-Istati Membri, sabiex ikollha stampa ċara ta' kif qed javvanza fl-Unjoni Ewropea s-suġġett tal-bijogass, waqt li tqis li din id-dejta hija meħtieġa u utli fil-formulazzjoni ta' strateġija rilevanti biex tindirizza l-kwistjoni;
10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr kemm jista' jkun proposta għal direttiva dwar il-bijoskart, li tinkludi standards ta' kwalità; iqis li l-produzzjoni tal-bijogass trid tkun evalwata meta titqabbel ma' użi alternattivi ta' l-iskart u d-demel tal-bhejjem;
11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal skema ta' ċertifikazzjoni għall-bijogass sostenibbli; din l-iskema ta' ċertifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq approċċ li jqis il-proċess mill-produzzjoni sa l-użu (well-to-wheel), li jqis il-fatturi soċjali u ambjentali rilevanti kollha;
12. Jistieden lill-Presidenzi attwali u futuri biex jgħinu l-progress tad-diskussjonijiet dwar kif għandha tkun promossa l-produzzjoni sostenibbli tal-bijogass; f'dan ir-rigward il-promozzjoni sostenibbli ta' faċilitajiet għall-bijogass għandha tinkludi wkoll il-koproduzzjoni ta' sħana u enerġija.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	19.12.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 40 - : 0 0 : 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Margrete Auken, Liam Aylward, John Bowis, Magor Imre Csibi, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Anne Ferreira, Matthias Groote, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Jens Holm, Marie Anne Isler Béguin, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Aldis Kušķis, Linda McAvan, Roberto Musacchio, Riitta Myller, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Vittorio Prodi, Guido Sacconi, Carl Schlyter, Richard Seeber, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Thomas Ulmer, Anders Wijkman, Glenis Willmott
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Kathalijne Maria Buitenweg, Bairbre de Brún, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Miloš Koterec, Johannes Lebech, Miroslav Mikolášik, Alojz Peterle, Bart Staes, Marianne Thyssen
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	